MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 607/2002

**Casco Holdings Limited**

**vs**

**J.M. Supplies Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta prevja d-dikjarazzjoni li l-apparat mibjugh minn J.M. Supplies Company Limited lil Casco Holdings Limited mhux tal-kwalita’ pattwit u konsegwentement, tirrexxindi l-bejgh tas-sistema ta’ telekomunikazzjoni b’ “Call Logging System” tal-marka Panasonic, liema bejgh kellu valur totali ta’ LM1966.00,0, peress illi din is-sistema qatt ma tat is-**

**servizz ordnat u mehtieg u tikkkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas u tirestitwixxi s-somma ta' hames mija disa u tmenin lira Maltija u tmenin centezmu (LM589.80,0) mhallsa mill-kumpanija attrici bhala depozitu ghas-sistema in kwistjoni;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Frar 2002 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-5 ta' Novembru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**